

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2017 – Negru vs EUIPO – Sky (SkyPrivate)****(Kawża T-837/17)**

(2018/C 072/54)

*Lingwa tar-rikors: ir-Rumen***Partijiet***Rikorrent:* Alexandru Negru (Iași, ir-Rumanija) (rappreżentant: I.-M. Iliescu, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Sky plc (Isleworth, ir-Renju Unit)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva li tindika l-Unjoni Ewropea u li tinkludi l-element verbali "Skyprivate"*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Ottubru 2017 fil-Każ R 349/2017-2**Talbiet***Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2018 – Holzer y Cia vs EUIPO – Annco (ANN TAYLOR)****(Kawża T-3/18)**

(2018/C 072/55)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Holzer y Cia, SA de CV (il-Belt tal-Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Annco, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti